MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 309/2007

**Maltacom Plc C2234**

**vs**

**Griscti Embroideries Limited (C275)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija tlieta u disghin Lira Maltin u hames centezmi (LM 193.05) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21239249 u 21246826 skond kif jirrizulta minn dokumenti annessi mmarkati A u B fit-talba.

Illi s-socjeta' konvenuta gie interpellata sabiex thallas izda baqghet inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez u imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta ipprezentata mill-PL Noel Scerri fit-2 ta' Ottubru, 2007;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------